KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh, nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2020, fis-6.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Vincent Bonello – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**11.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Louise Portelli – Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier

***Misraħ il-Kunsill***
***Triq id-Duka t'Edinburgh***
***Ħamrun ĦMR 2063***
***hamrun.lc@gov.mt***

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**11.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 10 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

11.02.02 **Is-Segretarju Eżekkutiv Daniel Bugeja** rimarka li mhux prassi li jitniżżlu diskussjonijiet fuq affarijiet personali. Iżda peresli l-persuni ikkonċernati ma sabu l-ebda oġġezzjoni, dawn tniħżlu fil-minuti.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** isuġerixxa li l-preżentazzjoni tal-ktieb li jfakkar l-10 snin ta' l-attivita' tal-Palju issir is-Sibt 15 ta' Frar fl-10:30. Issir il-preżentazzjoni kif ukoll bibita wara.

11.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li l-kunsill li għal proġett li jinkludi it-Tender For The Restoration Of Toilets And Showers As Part Of The Hamrun Old Railway Station Project (Erdf05.105) qed insibu problema minħabba il-perit. Huwa qal li qed issir ħidma biex ma jintilfux fondi.

11.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li għadhom qegħdin jinġabru l-istimi għal-fanali ta' Pjazza 7 ta' Ġunju.

11.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qegħdin għadhom qed jinġabru l-istimi għas-sistema ta' irrigazzjoni għal ħdejn il-Housing Estate, l-iskola kif ukoll ġnien Anton buttiġieġ. Dawn jinkludu il-Pots u Brackets ukoll.

11.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li bħalissa għadna żewġ studenti li qed jigħnu lil ħaddiema fit-tqassim tal-boroż il-ħodor.

11.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li l-Mass Band għal miġja ta' s-Slaten Maġi min Għajnsielem kienet suċess. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġġieġ** issuġerixxa li tibqa' issir.

11.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-applikazzjoni finali ghar-restawr ta' Torri ta' l-ilma ma ġietx aċċettata. **Il-Kunsilliera Carmen Borg** talbet li jekk ikun hemm applikazzjoni oħra nerġa' nipruvaw napplikaw.

11.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li inxtraw l-imwejjed u rimarka li jekk hemm xi għaqdiet li jkollhom bżonn juzahom, dawn huma disponibbli għalihom.

11.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li hemm xi intoppi rigward il-proġett tal-ġnien fuq l-iskola, huwa informa lil kunsill li ma hemmx ġiebja. Għaldaqstant qed naraw kull possibilta'.

11.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li triq il-Kanun saret tagħmel parti mil-Ħamrun. Huwa informa li biex issir id-dwal, l-ispiża hija ta €1700, il-kunsill qabel unanimament li dan id-dawl issir.

11.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li kumpanija responsabbli mil-parkeġġ taħt il-kunsill kienu ħa jimplimentaw miżata fuq il-parkeġġ tal-muturi. Huwa qal li għamel kuntatt ma l-istess kumpanija u infurmom li din hija deċiżjoni li irrid jieħu il-kunsill. Filwaqt li informa il-kunsill li fil-kuntratt oriġinali ma hemm xejn, huwa qal li jinsab xettiku li muturi jħallsu, għax b'hekk ma nkunux qed ninkoraġixxu transport alternattiv kif ukoll nevitaw li dawn jieħdu parkeġġi fit-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ma għandhomx iħallsu jekk ma jkunux irridu "Parking Bay' sħiħa għalihom.

11.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li qed issir ħidma biex il-karozzi abbandunati fil-parkeġġ, jitneħħew.

11.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li kellna talba biex issir 'Scafolding" fi' Triq Santa Marija. Huwa spjega li l-persuni ikkonċernati qed jitolbu li jitneħew żewġ parkeġġi biex il-bankina tkun aċessibli jew inkella tingħalaq biċċa zigħra mil-bankina. Il-kunsill qabel li tingħalaq biċċa mil-bankina u il-permess joħroġ għal xagħar, filwaqt li jiġġedded għal xagħar ieħor jekk ikun hemm bżonn. Il-kunsill qabel ukoll li issiru tabelli u kwalunkwe miżura possibbli biex tissalvagwardja is-sigurta' meħtieġa.

11.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħidma fuq il-Funtana ta' Pjazza San Pawl għaddej ġmielu, huwa qal li hemm bżonn issir applikazzjoni għal meter ta' d-dawl kif ukoll issuġerixxa li jinxtraw xi "Street Furniture" ġodda. Huwa issuġerixxa wkoll li mal-hajt ta' Triq is-Sorijiet issir "Green Wall" biex insebbħu l-ambjent.
Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** issugerixa li l-kunsill jibda jorganizza xi tip ta' attivita' fi' Pjazza San Pawl matul ix-xahar ta' Ġunju u Lulju. Huwa informa lil kunsill li kellu laqgħa ma' l-istabbilliment ta' Pjazza San Pawl u dan offra l-għajnuna tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li kellu laqgħat ma l-prinċipal ta' skejjel fil-Ħamrun biex tiġi ikkunsidrata il-possibilta li issiru parkeġġi fl-iskejjel.

Huwa informa li Skola Santa Marija Reġina qablu li jsir parkeġġ fl-iskola iżda dawn irridu il-kunsill responsabbli. Huwa issuġerixxa li noħorġu "Call" għal kumpanija privati interessati. Filwaqt li propona li il-ħinijiet ikunu, min wara ħin l-iskola parkeġġ għal kullħadt sa l-11:00 ta' bil-lejl jew inkella residenti sa 7:00 ta' filogħdu.

Huwa informa l-kunsill li skola Maria Assunta qed tiġi ikkunsidrata il-possibilta' li tintuża żona li joqgħodu 40 karozza u li l-iskola bħalissa mhux tagħmel użu tagħha. Huwa qal li trid issir rampa u tiġi imwaħħla sistema biex issir aċċess awtomatiku.

Il-kunsill qabel li jkompli jiddiskuti u jsegwi l-iżviluppi tal-proposti.

11.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li persuna offriet xi slaleb biex inwaħħluhom għal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Huwa issuġerixxa wkoll li l-kunsill jerġa' joħroġ il-Leaflet u jagħmel xi reklamar għal-attivitajiet fil-Ħamrun, kif ukoll li joħroġ €15 donazzjoni għal-ktieb tal-wirjiet.

11.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li tinħareġ sejħa interna biex din tkopri iż-żieda fix-xogħol li sa tingħata il-ħaddiema preżenti. Il-kunsill qabel unanimament.

11.03.19 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li Infrastructure Malta sa tagħmel ix-xogħol ta' tisbiħ fi' triq il-Franġiskani. Huwa qal li l-kunsill huwa kommess biss li jagħmel "Street Furniture". Huwa informa lil kunsill li bit-tisbiħ sa jintilfu xi parkeġġi, iżda huwa rimarka li waqt ispezzjoni tal-post, jemmen li b'xi xogħol ċertu parkeġġi jistgħu jsiru bnadi oħra. Huwa rimarka li b'iktar spazju miftuħ, iż-żona sa togħla fil-valur.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieg** rimarka li għalkemm huwa mhux kontra il-proġett, huwa jixtieq li ma jintilfux parkeġġi, huwa rimarka wkoll li jħoss li r-residenti ma jaqblux miegħu dan il-proġett, huwa qal li sa jkun qiegħed jiddiskuti ma' r-residenti biex jara x'jixtiequ eżatt.

## 11.04 Karnival fil-Ħamrun

11.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li illum kien hemm "Press Conference" fejn isemma' anki il-Karnival tal-Baned fil-Ħamrun. Huwa qal li dan ħa jkun organizzat fuq l-istess stil bħal qabel. Il-kunsill sa jkun qiegħed jorganizza l-arena bejn id-9:00 u l-10:30 ta' filgħodu filwaqt li Festivals Malta ikomplu wara sa is-1:00. Huwa informa wkoll li l-kunsill qiegħed jieħu ħsieb il-permessi u loġistika. Huwa informa lil kunsill li rigward il-karnival ta' s-sibt, kollox huwa lest u organizzat.

11.04.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieg** ikkonferma li ma fadalx spazju għal iktar żeffiena, kemm għas-sibt u anki għal Ħadd.

## 11.05 Xogħlijiet Toroq

11.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li beda ix-Xogħol fi Triq Ċensu Buġeja u dalwaqt jibdew triq Karmenu Abela. Huwa infurmat li triq Villambrosa sa tkun lesta fil qrib. Huwa qal li l-kunsill irċieva xi ilmenti rigward triq Ċensu Buġeja u l-istess kunsill qiegħed jitkellem ma Infrastructure Malta dwarhom.

## 11.06 Norwegein Funds

11.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li minħabba xi regolamenti, il-fondi allokati ma jistgħux jintużaw biex tinxtara binja. Għaldaqstant il-kunsill irridd jiddeċiedi joħrogx il-flus hu biex jixtri. Huwa reġa' semma' il-possibilta' li tinxtara propjeta fi' triq Ħal Qormi. Huwa qal li minħabba li qed ikun hemm diversi talbiet għal-swali fil-Ħamrun, jemmen li investiment fi'propjeta' f'dik it-triq jista jkun bidu ta' riġenerazzjoni ta' ż-żona.

**Il-Viċi Sindku Vincent Bonello,** rimarka li huwa ma jaqbilx li dawk il-flus jiġu investiti f'dik it-triq, huwa jemmen li dawn jistgħu jiġu investiti fil-proġett li darba kien imwiegħed biswit il-kunsill.

**Il-Kunsillier Jurgen Grixti** rimarka li irrispettivament mil-proġett imwiegħed, huwa jemmen li xorta għandu issir investiment f'dik iż-żona. Pero' fl-istess ħin, jemmen li għanda issir pressjoni biex il-Ħamrun jingħata iktar importanza mil-Gvern ċentrali.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** rimarka li xiri ta' propjeta' huwa dejjem investiment, u jemmen li investiment fiż-żona ta' triq Ħal Qormi jista' jagħti bidu għar-riġenerazzjoni ta' l-istess żona. Huwa wkoll irrimarka biex naraw u nirsistu għal-proġett biswit il-binja tal-kunsill li kien imwiegħed mil-gvern.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** qalet li irrispettivament min fejn u liema żona, huwa importanti li l-possibilta' li jittieħdu flus li jistgħu jiġu investiti fil-Ħamrun ma għandiex tintilef.

Il-Kunsill qabel li jagħmel ir-riċerki neċessarji u l-kwistjoni terġa tiġi diskussa'.

## 11.07 Soft Areas fil-Ħamrun

11.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li it-tender li jkopri it-tisbiħ u manutenzjoni ta' "Soft Areas' huwa magħluq. Huwa rimarka li qed ikollna diffikulta' mal-kuntrattur li kien għadu qed jagħmel ċertu xogħol temporanju. Huwa issuġerixxa li l-kunsill issib lil xi ħadt li jkun lest li jgħmel dan ix-xogħol. Huwa rimarka li hemm min hu interessat, dawn jagħmlu il-Ħamrun kollu għal €800 fix-xagħar, iżda saqsa lil kunsilliera jekk jafux b'xi individwi oħra. Il-kunsill qabel unanimament li jiġu ingaġġatti dawn l-individwi sakemm jinħareġ it-tender imsemmi.

11.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm bżonn li l-kunsill iġib bowser ta-l-ilma darba fil-ġimgħa għal-spiża ta' €100 kull darba. Il-Kunsill qabel unanimament

**11.08 Impjieg ta' Ħaddiem Klerikali**

11.08.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li is-sinjura Abigail Zammit issottomettiet l-ittra ta' r-riżenja. Huwa xtaq jirringrazzja tal-ħidma li għamlet matul iż-żmien u informa lil kunsill li din għamlet talba biex tieqaf qabel il-perjodu stipulat. Il-kunsill inagħqadt mas-Sindku għar-ringrazzjament u qabel li din tieqaf qabel biex ma titlifx l-oppurtunita' ta' x-xogħol li għanda.

11.08.02 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li tinħareġ sejħa għal ħaddiem klerikali. Il-kunsill qabel unaniment.

**11.09 Skeda ta' Ħlasijiet**

11.09.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għa-xagħar ta' Frar, 2020.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** ipproponiet l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** sekonda l-mozzjoni.

l-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**11.10 Ħwejjeġ Oħra**

11.08.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li flimkien mas-Sindku, kellhom laqgħa mal-pulizija. Huwa qal li saret talba għal iktar infurzar fi' Triq Ħal Qormi, inġibdet l-attenzjoni dwar ċertu abbużi fi' Pjazza San Pawl kif ukoll dwar ħwienet li jdumu miftuħin. Huwa qal li talab informazzjoni jekk inħarġu xi multi minħabba l-Byelaw, iżda dawn ma kienux jafu jigħdulu. Huwa qal ukoll li l-Pulizija enfasizzaw li għandhom nuqqas ta' riżorsi.

11.08.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li ġie avviċinat mil-kumpanija li tipproduċi ħalib biex jaraw il-possibilta' li jużaw is-sala tal-kunsill biex jagħmlu xi laqgħat għat-tfal. Huwa qal li dati qegħdien f'idejn l-amministrazzjoni tal-kunsill. Il-kunsill qabel unanimament.

11.08.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li kellmuħ il-patrijiet Franġiskani biex ikunu jistgħu jagħlqu t-triq wara l-quddies. Huwa qal li ħa jiġbor iktar informazzjoni.

11.08.04 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** infurmat lil Kunsill li sa torganizza laqgħa għal-Cat Feeders tal-lokal.

11.08.05 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** qalet li qed taħdem fuq proġett li jirrigwarda, il-Vjolenza Domestika.

11.08.06 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** qalet li qed taħdem fuq il-Byelaws għal kiri ta' propjeta' tal-kunsill.

**Il-Kunsillier Jurgen Grixti** qal li hemm problema dwar triq Lord Byron**, is-Sindku Christian Sammut** infurmaħ li diġa saru rapporti.

**Il-Kunsillier Jurgen Grixti** qal li jemmen li hemm bżonn mera, faċċata ta' Karmenu Abela. Il-kunsill qabel li issir ħidma biex naraw hux possibli.

**11.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

11.01.01 Il-laqgħa intemmet fis-9.00p.m, u ġiet aġġornata għal-Ħamis 5 ta' Marzu 2020 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 5 ta' Marzu, 2020

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv